

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professionist Legali](#) > [Sib Espert](#) > Greece

Sib espert

Greċja

Il-kontenut ipprovdut
minn
Greċja



I. Listi u reġistri ta' periti

Fil-Greċja, il-periti huma elenkati skont l-ispeċjalizzazzjoni. Ir-reġistri tal-periti jinżammu mill-qorti tal-Prim'Instanza (*protodikeía*). Ir-reġistri huma pubbliċi iżda jintużaw biss mill-imħallfin li jkunu jixtiequ jaħtru perit. Il-qorti tista' taħtar perit wieħed jew aktar, jekk hija tqis li l-kwistjonijiet li jkunu qed jiġu kkunsidrati jirrikjedu għarfien speċifiku. Barra minn hekk, il-qorti hija obbligata taħtar esperti jekk dan jintalab minn xi waħda mill-partijiet, sakemm il-qorti wkoll tqis li jkun meħtieġ għarfien speċifiku.

Il-periti jridu japplikaw sabiex jiġu elenkati fir-reġistru.

Wara stedina pubblika biex wieħed japplika f'Qorti tal-Prim'Instanza ċivili (*politikó*) jew amministrattiva (*διοικητικό*) (permezz tas-sit web uffċjali tal-qorti), kwalunkwe parti interessata tista' tissottometti applikazzjoni bil-miktub, bl-informazzjoni personali tagħha, lir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Instanza, fejn tiddikjara li:

- la qatt ma nstabt haġta ta' reat gravissimu u lanqas ma ġiet akkużata b'tali reat (*kakóúrgima*) jew b'reat (*πλημμέλιμα*) li wassal sabiex tiċċaħħad mid-drittijiet politiċi tagħha,
- ma ġietx imċaħħda mil-liċenzja professjonali tagħha,
- ma ġietx imċaħħda mid-dritt li tiddisponi liberament mill-proprjetà tagħha minħabba li hija insolventi jew taħt kurazija,
- ma hijiex imħallef, prosekutur jew skrivan.

Wara t-tmiem tal-proċedura tal-applikazzjoni, li sseħħ kull sena, jiġi ppubblikat abbozz ta' reġistru tal-esperti. Wara perjodu ta' oppożizzjoni, ir-reġistru finali jiġi approvat mill-qorti tal-prim'istanza ta' haġna membri (*πολυμελής protodikeío*).

Għall-proċedimenti kriminali, ir-reġistru tal-esperti huwa ġestit mill-Kunsill tal-Imħallfin tar-Reati (*συμβούλιο πλιμμελειοδικόν*) fuq proposta tal-prosekutur. Il-periti jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin – huma:

- irid ikollhom aktar minn 21 sena,
- iridu jkunu legalment kapaċi u ma jkollhomx diżabilità mentali,
- ma jridux ikunu nstabu haġta ta' xi delitt gravissimu jew delitt li wassal biex jiġu mċaħħda mid-drittijiet politiċi tagħhom jew għat-tkeċċija mis-servizz pubbliku,
- ma jridux ikunu ġew imċaħħda mil-liċenzja professjonali tagħhom,
- ma jridux ikunu kkontribwew għall-ikkawżar tas-sitwazzjoni suġġetta għall-perizja,
- ma jridux ikunu l-imħallfin, il-prosekuturi, is-segretarji jew l-iskrivani kompetenti fil-proċedimenti rilevanti,
- ma jridux ikunu ġew ikkundannati għall-istess delitt bħall-akkużat, u
- ma jridux ikunu l-konjuġi, l-aħwa jew il-qraba mill-qrib tal-imputat.

Il-periti jistgħu jitneħħew mir-reġistru jekk ikunu jixtiequ, jekk ma jibqgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti jew jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi hekk.

II. Kwalifiki tal-perit

Il-periti jridu jkunu membri ta' korp professjonali sabiex ikunu rikonoxxuti bħala esperti.

III. Remunerazzjoni tal-esperti

Fi proċedimenti kriminali, l-Istat iħallas ir-remunerazzjoni tal-perit. Fir-rigward tal-proċedimenti ċivili, ir-rikorrent irid iħallas avvanz fuq l-ispejjeż għall-esperti maħtura mill-qorti. Fit-tmiem tal-proċess, l-ispejjeż iridu jitħallsu mill-parti li tkun tilfet il-kawża. Il-partijiet jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jiksbu għajjnuna legali fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-perit.

IV. Responsabbiltà tal-esperti

Il-periti jinżammu responsabbli skont il-liġi ġenerali tal-obbligi. Mhumiex obbligati jkopru r-responsabbiltà potenzjali tagħhom permezz ta' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali.

V. Informazzjoni addizzjonali dwar il-proċedimenti tal-esperti

Id-dispożizzjonijiet legali prinċipali applikabbli għall-kompetenza ġudizzjarja fil-Greċja huma l-Artikoli 368-392 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Grieg (*kódikas politikís dikonomías*), id-Digriet Irjali Nru 566/1968, u l-Artikolu 20(7) tal-Liġi 2882/2001 (il-Kodiċi ta' Esproprijazzjoni (*kódikas anagkastikón apallotrióseon*)). Fuq bażi ta' każ b'każ, jistgħu japplikaw ukoll l-Artikoli 159-168 tal-Kodiċi Grieg tal-Proċedura Amministrattiva (*kódikas dioikitikís dikonomías*) u l-Artikoli 183-203 tal-Kodiċi Grieg tal-Proċedura Kriminali (*kódikas poínikís dikonomías*).

Il-qorti għandha s-setgħa diskrezzjonali li tordna l-kumpilazzjoni tax-xhieda billi l-iskop prevalenti huwa li tiġi aċċertata l-verità. L-uniku limitu għal din is-setgħa huwa l-prinċipju tal-kuntradittorju.

1. Il-ħatra tal-esperti

Il-periti jistgħu jinħatru mill-qorti u mill-partijiet involuti. Il-ħatra ta' esperti fi proċedimenti amministrattivi hija simili għal dik fi proċedimenti ċivili. Fi proċedimenti quddiem qorti kriminali, il-perit jista' jinħatar mill-prosekutur jew mill-qorti matul il-fażi tal-investigazzjoni. Għal dan il-għan, hemm reġistru differenti minn dak użat fil-proċedimenti ċivili u l-perit irid jissodisfa rekwiżiti aktar stretti milli fil-proċedimenti ċivili u amministrattivi.

(a) Ħatra minn qorti

Il-qorti ċivili għandha s-setgħa diskrezzjonali li taħtar perit *ex officio* jew fuq talba espliċita ta' parti, jekk il-fatti rilevanti ma jkunux jistgħu jiġu stabbiliti mod ieħor. F'dan il-każ, is-seduta orali tiġi posposta għal data wara l-preżentazzjoni tar-rapport tal-perit. Il-qorti hija libera li taħtar kwalunkwe persuna li tqis xierqa biex taġixxi bħala perit. Il-perit irid jirrapporta kwalunkwe kunflitt ta' interess lill-qorti. Il-periti maħtura mill-qorti għandhom aċċess għall-proċess tal-kawża.

(b) Ħatra mill-partijiet

Hemm tliet tipi ta' esperti maħtura mill-partijiet fil-Greċja: il-konsulenti tekniċi (l-Artikoli 391-392 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva, l-Artikoli 204 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali), Il-periti ekstraġudizzjarji u x-xhieda esperti. Il-konsulent tekniku jinħatar mill-parti sabiex jimmonitorja l-azzjoni ta' perit maħtur mill-qorti. Il-perit ekstraġudizzjarju jintgħażel mill-parti. Il-perizja trid tiġi invokata u ppreżentata mill-partijiet, inkella tiġi miċħuda bħala inaċċettabbli. Jekk dawn ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati, il-qorti teżamina u tivvaluta liberament il-perizja. Il-perizja ma titqiesx bħala prova. Hija pjuttost marbuta mal-bażi legali tal-argumenti tal-parti. Ix-xhieda esperti huma xhieda b'għarfien xjentifiku jew tekniku speċjali, li jsirulhom mistoqsijiet mill-qorti.

Il-qorti tista' tiddeċiedi jekk tkunx se tibbaża r-raġunament fis-sentenza tagħha fuq il-perizja. Il-qorti tista' tibbaża s-sentenza tagħha fuq il-perizja anke jekk il-perizja tkun saret bi ksur tar-regoli proċedurali. Madankollu, jekk il-ksur tar-regoli proċedurali jkun konsiderevoli, il-perizja titqies li ma teżistix. F'dan il-każ, l-imħallef ma jistax jibbaża r-raġunament tas-sentenza fuq il-perizja.

2. Proċedura (Ċivili)

Il-periti maħtura mill-qorti jistgħu jiġu kontroeżaminati mill-konsulenti tekniċi tal-partijiet jekk il-partijiet ikunu ħatru tali konsulenti. L-uniku obbligu tal-perit huwa li jippreżenta l-perizja. Il-periti maħtura mill-partijiet huma permessi li jkunu f'kuntatt mal-partijiet matul il-proċedimenti, filwaqt li l-periti maħtura mill-qorti jeħtieġu l-permess tal-qorti biex jagħmlu dan.

(a) Perizja

Fil-proċedimenti ta' kompetenza Griegi ma hijiex meħtieġa perizja preliminari. Il-perizja prinċipali tista' tiġi ppreżentata bil-miktub jew bil-fomm. Il-periti m'għandhomx għalfejn isegwu ċerta struttura meta jipprovdu l-perizja tagħhom.

Jekk il-qorti tqis li l-perizja ma tkunx kompluta jew fil-każ ta' mgħiba ħażina mhux ġustifikata tal-perit, il-qorti tista' tordna t-tfassil ta' perizja ġdida jew ta' perizja addizzjonali *ex officio* jew fuq talba tal-partijiet. Il-qorti tista' wkoll tordna li perit iħallas it-tariffi tal-qorti minħabba l-mgħiba ħażina mhux ġustifikata tal-perit.

Il-perizja tista' tiġi kkontestata mid-dikjarazzjonijiet tal-partijiet u permezz ta' kontroperizja.

(b) Seduta fil-qorti

L-imħallef jordna biss lill-perit sabiex jattendi seduta f'każijiet eċċezzjonali.

L-informazzjoni ppreżentata hawnhekk inġabret matul il-Proġett Sib Espert minn kuntatti għal kull pajjiż magħżula mill-Istitut Ewropew tal-Kompetenzi u l-Esperti (EEEI).

■ L-aħħar aġġornament: 14/06/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.